# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 461/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

**Omissis**

**Carlo Muscat**

iben Mario, imwieled Pieta', fis-7 ta' Frar, 1992, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 106292(M)

Illum, 11 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carlo Muscat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. talli nhar il-hdax (11) ta' Settembru, 2010, ghal habta ta' 22.30hrs, gewwa l-fond Block D, Flat 15, Triq Bertha K.ILG, San Giljan volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq bieb a detriment ta' Francis Ebejer, liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu

(€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Francis Ebejer li ghalaq l-eta ta' sittin sena (60), skont kif iccertifika Dr. Marvin Cachia, mill-Poliklinika tal-Furjana;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' Francis Ebejer, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta tieghu;

4. talli hebb ghal persuna ta' Fancis Ebejer sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, kiser l-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew mod iehor;

6. talli volontarjament kiser il-buon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser l-Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

8. talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Otturbu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 325, 221, 49, 50, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiejiet ta' Malta u l-ksur tal-Kapitolu 446 wara li rat l-artikolu 23, ikkundannat lil l-appellant ghal perjodu ta' sena (1) karcerarja effettiva u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundanntu wkoll jhallas sehmu minn l-ispejjez peritali nkorsi waqt is-smiegh tal-kaz, komplessivament ammontanti ghal tlett mija u hamsin ewro u wiehed u tletin centezmu (€350.31).

Rat ir-rikors tal-appellant Carlo Muscat tal-15 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u b'hekk tilliberah minnhom, alternattivament, tvarja l-piena nflitta, u b'hekk timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok l-appellant, jissotometti illi huwa ma seta qatt jinstab hati li kkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Francis Ebejer, u dan peress illi meta xehed l-istess parte civile, dan ghamilha cara illi huwa gie aggredit minn persuna wahda biss. Jidher car ghalhekk illi l-appellant qatt ma seta jinstab hati ta' din l-imputazzjoni, li tista titqies bhala l-iktar wahda serja minn l-imputazzjonjiet kollha addebitati lili.

Minn l-atti processwali minn imkien ma rrizulta lil hinn minn kull dubbju dettatat mir-raguni li fil-fatt l-appellant ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Francis Ebejer, skont l-istess imputazzjoni addebitata lilu.

*Dato ma non concesso*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk din l-Onorabbli Qorti jirrizultalha illi l-appellant ukoll, ikkaguna griehi lil Ebejer, jidher car illi l-appellant spicca intervjena f'din il-glieda biss sabiex jiddefendi lil huh minn l-agressjoni ta' Francis Ebejer li kellu f'idu hadida. Fil-fatt, irrizulta car mid-depozizzjoni ta' Richard Muscat stess, u cioe' hu l-appellant, li fid-depozizzjoni tieghu jghid illi huwa safa aggredit mill-parti leza, wara li dan dahal gewwa r-residenza ta' l-istess Ebejer, u li fil-fatt anke hu spicca bi griehi hfief. L-appellant intervjena fil-glieda biss sabiex jiddefendi lil huh.

Illi dan l-appell jikkoncerna wkoll dik illi hija l-piena, u dan peress illi l-piena inflitta fuq l-appellant u cioe' dik ta' sena habs effettiv, kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta'dak sottopost, u cioe' li l-appellant agixxa taht provokazzjoni, kellha tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Jirrizulta car mill-provi prodotti illi l-azzjoni ta' l-appellant tinkwadra bhala reazzjoni taht provokazzjoni ai termini ta' l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk l-appellant kellu jgawdi minn tnaqqis fil-piena. L-incident li nqala bejn l-appellant u Ebejer nqala eslussivament htija tal-provokazzjoni **ngusta** ta Francis Ebejer, l-allegata vittma, li hebb ghal hu l-appellant b'hadida, wara li l-istess kien ftit qabel mar ghas-sodisfazzjon, ghand in-nanna ta' l-appellant li hija wkoll mara anzjana u heddiedha.

Fil-fatt irrizulta ampjament illi Ebejer, minflok mar u irraporta lill-Pulizija l-fatt illi l-appellant u huh kienu qeghdin idoqqu muzika b'volum gholi, kif solitament jaghmlu n-nies f'socjeta civili, huwa nizel bir-rabja ghand nannithom, heddieda li se jkissrilha l-hgieg ta' kullimkien u wara hareg mill-gallerija tieghu, habbat bi xkupa mal-hgiega ta' l-appartament fejn kienu l-appellant u huh, u xaqqaq l-istess hgiega bid-daqqiet. L-appellant u huh kienu ghalhekk gustifikati li jmorru ghas-sodisfazzjon, ghax propju wara li l-vittma hedded lil nannithom illi kien se jkissrilha l-hgieg kollu, b'eghmilu wera illi dak kien ezattament dak li kien bi shiebu jaghmel.

Il-gurista Francesco Antolisei, (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale**, Giuffre` (Milano), 1989, pp. 394 - 395) in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

> 'La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio` l'attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto.'

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Agius, fil-5 ta' Marzu 1997, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dik l-Onorabbli Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rekwiziti ta' l-attenwant tal-provokazzjoni u qalet illi:

> Il-piena ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. L-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li 'meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta' l-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jghid: 'Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235', li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta.

Jirrizulta car mis-sentenzi precitati illi z-zewg elementi fundamentali sabiex jissusisti l-element tal-provokazzjoni hu illi l-att tal-parti l-ohra jkun wiehed ingust, u li l-parti provokata tagixxi b’mod immedjat ghal din ir-reazzjoni ngusta. M’hemmx dubju illi l-mod kif irrejagixxa l-allegata vittma, kien wiehed ingust.  Minn naha tieghu l-appellant, flimkien ma huh irrejagixxa b’mod immedjat, u naturali fl-isfond tac-cirkostanzi, u fil-fatt, b’mod <u>**immedjatament**</u> wara illi Ebejer habbat l-ixkupa mal-hgiega.

Zgur illi ma jistax jinghad illi l-appellant huwa persuna nervuza, li taqbizlu mix-xejn u li ghalhekk mhux ta’ temperament normali. Ssir referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Nazzareno Fenech</u>, deciza fit-tmienja (8) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002), fejn il-Qorti appuntu sahqet fuq dan il-punt*: ‘Subordinatament l-appellant jinvoka l- attenwanti tal-provokazzjoni. Pero` l-ligi tirrikjedi – l-artikolu 227(c) – li l-att provokatorju jkun tali li “f’nies ta’ temperament ordinarju komunement [igib] l- effett li ma jkunux kapaci jqisu l-konsegwenzi tad-delitt”, cioe`, f’dan il-kaz, tal- offiza fuq il-persuna li wettaq l-istess appellant. Il-ligi taghti dan il-beneficcju tal-attenwanti lil “nies ta’ temperament ordinarju” u mhux ukoll lill-nies li c-cinga taqbzilhom ma’ l-anqas haga, kif kjarament jidher li huwa l-appellant. In fatti xejn ma jista’ jiggustifika li l-appellant aggredixxa b’mod selvagg lil hutu semplicement ghax dawn marru talbuh muftieh biex jaghmlu kopja tieghu.’*

Inoltre, fl-umli fehma ta’ l-esponent l-ewwel Qorti fil-waqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma

tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta'hmistax-il (15) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Fil-kawza l-Pulizja vs Carmen Buttler, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe' li l-Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat li l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.
F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta'Probation*.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa nghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga,

irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:
"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Dan qed jinghad ukoll fl-ispirtu tal-fatt, illi fis-sistema gudizzjarja taghhna, se tigi introdotta l-*parole.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li qatt ma seta' jikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Francis Ebejer. Illi mix-xiehda ta' Francis Ebejer jirrizulta ampjament li hu safa aggredit mill-appellant ukoll. Mhux talli hekk izda mill-provi jirrizulta wkoll li wara li l-appellant kien flimkien mal-pulizija fil-pjan terran hu rega' ttanta jitla fl-appartament ta' Francis Ebejer. Ma nqal xejn ghaliex il-pulizija ntervjenew u ma thallix javvicina lill-persuna msemmija. Lanqas ma huma minnu li l-appellant intervjena biex jiddefendi l-huh. Tant l-appellant kien irrabjat, probabbilment minn uzu eccessiv ta' alkohol, li hu spicca biex kisser hgiega tat-tieqa tal-appartament tan-nanna tieghu u sofra feriti ta' natura hafifa fuq idejh. Tant iehor ma jista' qatt jirnexxi l-aggravju tal-provokazzjoni. Mill-qari tal-atti ta' dan l-appell jirrizulta ampjament li Francis Ebejer b'ebda mod ma pprovoka l-incident meritu ta' dan l-appell. Ghalhekk, din il-Qorti mhux ser tahli hin fuq aggravji fantomatici u taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Illi t-tieni aggravju ewlieni hu dak fuq il-piena. Din il-Qorti kienet tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti izda mix-xhieda ta' Francis Ebejer jirrizulta li l-appellant hallas id-danni kollha u il-parte civile hafirlu. Minhabba din ir-raguni, din il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja hi wahda kontro-producenti, tenut kont ix-xhieda tal-Probation Officer li spjegat it-trobbija u il-problemi li ghandu l-appellant. Ghalhekk, dan il-fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena tenut kont ukoll tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. George Farrugia" moghtija fit-18 ta' Jannar, 2001.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Carlo Muscat u tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu u il-hlas tal-ispejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Carlo Muscat. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.